

- 4) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li tipprevedi li l-ammont ta' marġni applikat mill-bank jikkorrispondi għall-medja aritmetika tal-marġni applikabbli minn numru ta' banek oħra – banek kummerċjali spċċifikament indikati – imur kontra r-rekwiżiti ta' bona fide u jagħti lok għal żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligji tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt għad-detriment tal-konsumatur?
- 5) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur kif ukoll il-prinċipju ta' effettività għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ġudizzjarja ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li skonthom qorti nazzjonali tista' tirrikonoxxi li sempliċi element inġust ta' klawżola kuntrattwali (li jipprevedi li tiġi mmodifikata l-medja tar-rata tan-Narodowy Bank Polski (il-Bank Nazzjonali tal-Polonia) permezz ta' marġni ta' spread), li ma jikkostitwix obbligu kuntrattwali separat, ma jorbotx lill-konsumatur iżda dan jibqo' marbut bil-kumplament ta' din il-klawżola kuntrattwali?
- 6) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu, li jaqa' fuq il-qorti nazzjonali, li l-konsumatur jiġi informat dwar il-konsegwenzi legali li tista' ġġib magħha n-nullità ta' kuntratt, jinkludi biss pretensionijiet ta' restituzzjoni li jirriżultaw min-nullità ta' kuntratt jew kwalunkwe konsegwenzi legali ipotetiċi (anki dubjużi, diskutibbli jew mhux wisq probabbli) li jistgħu jirriżultaw min-nullità tal-kuntratt?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 15, Vol. 2, p. 288, u r-rettifikasi fil-ĠU 2023, L 17, p. 100.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Duisburg (il-Ġermanja) fis-17 ta' Mejju 2023 – YV vs Mercedes-Benz Group AG

(Kawża C-308/23, Mercedes-Benz Group)

(2023/C 296/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Duisburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: YV

Konvenut: Mercedes-Benz Group AG

Domandi preliminari

- 1) Element tad-disinn f'vettura li jħoss t-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-transmission gear, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor sabiex jaġġusta, skont ir-riżultat ta' din l-identifikazzjoni, il-parametri tal-proċess ta' kombustjoni fil-magna, jista' jnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi hifief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (¹), u, għaldaqstant, jikkostitwixxi apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007, meta t-tibdil tal-parametri tal-proċess ta' kombustjoni skont ir-riżultat tal-identifikazzjoni magħmula mill-element tad-disinn, minn naħħa, ċertament iżid l-emissjonijiet ta' sustanza ta' ħsara partikolari, pereżempju l-ossidu tan-nitrogħu, iżda, min-naħħa l-oħra, inaqqsas l-emissjonijiet ta' sustanza waħda oħra jew iktar ta' ħsara, bħall-partikolat, l-idrokarburi, il-monossidu tal-karbonju u/jew id-diġġidu tal-karbonju?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: taħt liema kundizzjonijiet l-element tad-disinn jikkostitwixxi, f'tali każ, apparat ta' manipulazzjoni?

- 3) Ċirkwit jew kontroll ta' vettura li jimmodifika l-parametri tal-proċess ta' kombustjoni li, minn naħa, iżid l-emissionijiet ta' sustanza ta' ħsara partikolari, pereżempju l-ossidi tan-nitroġenu, iżda fl-istess ħin, min-naħa l-oħra, inaqqa l-emissionijiet ta' sustanza waħda oħra jew iktar ta' ħsara, bħall-partikolat, l-idrokarburi, il-monossidu tal-karbonju u/jew id-diossidu tal-karbonju, jista' jiġi pprojbit taħt id-dritt Ewropew taħt aspetti differenti minn dak tal-preżenza ta' apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007?
- 4) Fil-każ li r-risposta għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv: taħt liema kundizzjonijiet dan huwa l-każ?
- 5) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: apparat ta' manipulazzjoni, fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007, huwa awtorizzat fis-sens tal-punt (a) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament, meta dan l-apparat ma jkunx neċċesarju għall-protezzjoni tal-magna minn ħsara jew inċident, iżda jkun madankollu neċċesarju għall-funzjonament fis-sigurtà tal-vettura?
- 6) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jimponu li l-oneru tal-prova tal-eżiżtenza ta' apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 jaqa' kollu kemm huwa fuq ix-xerrej ta' vettura u, barra minn hekk, anki l-assenza ta' sitwazzjoni fattwali li tippermetti b'mod eċċeżzjonal apparat ta' manipulazzjoni identifikat, skont il-punt (a) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, mingħajr ma l-manifattur tal-vettura jkollu jipprovd informazzjoni f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-istruttorja tal-kawża, jiksru l-Artikoli 18(1), 26 (1) u 46 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karriġjet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru")⁽¹⁾, imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Marzu 2023, QB vs Mercedes-Benz Group AG (C-100/21, ECLI:EU:C:2023:229), sa fejn minn dawn l-aħħar dispożizzjonijiet jirriżulta li x-xerrej ta' vettura għandu jkollu dritt għal kumpens mingħand il-manifattur fil-każ li din tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit (ara l-punti 91 u 93 tal-imsemmija sentenza)?
- 7) Fil-każ li r-risposta għas-sitt domanda tkun fl-affermattiv: x'inhu t-tqassim tal-oneru tal-prova taħt id-dritt Ewropew fil-kawża bejn ix-xerrej ta' vettura u l-manifattur tagħha dwar dritt għal kumpens tal-ewwel wieħed fil-konfront tat-tieni wieħed fir-rigward tal-eżiżtenza ta' apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 u tal-eżiżtenza ta' sitwazzjoni fattwali li abbażi tagħha dan huwa eċċeżzjonalment awtorizzat skont il-punt (a) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007? Kull waħda mill-partijiet tibbenfika minn tnaqqis fl-oneru tal-prova u, jekk iva, minn liema minnhom, jew huma għandhom xi obbligi u, jekk iva, liema? Jekk japplikaw l-obbligli: x'inħuma l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità magħhom?
- 8) Fil-każ li r-risposta għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv: id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jimponu li l-oneru tal-prova tal-eżiżtenza ta' ċirkwit jew kontroll, li għalkemm ma għandux jiġi kklasseifikat bħala apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007, huwa pprojbit għal raġunijiet oħra, jaqa' kollu kemm huwa fuq ix-xerrej ta' vettura, mingħajr ma l-manifattur tal-vettura jkollu jipprovd informazzjoni f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-istruttorja tal-kawża, jiksru l-Artikoli 18(1), 26 (1) u 46 tad-Direttiva 2007/46 imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Marzu 2023, QB vs Mercedes-Benz Group AG (C-100/21, ECLI:EU:C:2023:229), sa fejn minn dawn l-aħħar dispożizzjonijiet jirriżulta li x-xerrej ta' vettura għandu jkollu dritt għal kumpens mingħand il-manifattur fil-każ li din tkun mgħammra b'ċirkwit jew kontroll ipprojbit (ara l-punti 91 u 93 tal-imsemmija sentenza)?
- 9) Fil-każ li r-risposta għat-tmien domanda tkun fl-affermattiv: x'inħu t-tqassim tal-oneru tal-prova taħt id-dritt Ewropew fil-kawża bejn ix-xerrej ta' vettura u l-manifattur tagħha dwar dritt għal kumpens tal-ewwel wieħed fil-konfront tat-tieni wieħed fir-rigward tal-eżiżtenza ta' ċirkwit jew kontroll tat-tip imsemmi fit-tmien domanda? Kull waħda mill-partijiet tibbenfika minn tnaqqis fl-oneru tal-prova u, jekk iva, minn liema minnhom, jew huma għandhom xi obbligi u, jekk iva, liema? Jekk japplikaw l-obbligli: x'inħuma l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità magħhom?

⁽¹⁾ ĠU 2007, L 171, p. 1.

⁽²⁾ ĠU 2007, L 263, p. 1.